# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 5**

**Avviz numru 518/01/SM**

**Fair & Exhibition Limited**

**vs**

**Joseph Felice**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (LM427.50,0), bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-hlas ghall-kirja tas-sala proprjeta' tas-socjeta' attrici fuq ordni tieghu stess u dan skond ma jidher mill-invoice u mis-"Sales Ledger Report" annessi u mmarkati bhala Dok. A u B;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' April 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**